MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-26 ta' Settembru, 2011

Appell Kriminali Numru. 280/2011

**Il-Pulizija**

**v.**

**Anthony Azzopardi**

Il-Qorti,

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Anthony Azzopardi talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal-igi u jkunu gew maghmula b' risoluzzjoni wahda, bejn ix- xhur ta' Dicembru 2010 u Marzu 2011, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jaghti lil Lucia Azzopardi u/jew lil uliedu s-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall- ulied fi zmien hmistax-il jum minn dak il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha tithallas dik is-somma;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-13 ta’ Gunju 2011 li permezz taghha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi Anthony Azzopardi hati u kkundannatu xahar prigunerija;

**3.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ Anthony Azzopardi pprezentat fil-21 ta’ Gunju 2011 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata billi tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontra tieghu;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawza; rat il-fedina penali aggornata ta’ l-appellant esebita mill-prosekuzzjoni b’ordni ta’ din il-Qorti; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta’ l-appellant huwa dwar il-piena li jqis esagerata tenut kont tal-fatt li hu ma jridx jahrab mill-obbligi tieghu imma kienet biss kwistjoni li sa dakinhar tas-sentenza appellata kien ghadu mhuwiex f’posizzjoni li jhallas il-manteniment imsemmi. Sakemm gie intavolat dan l-appell, pero`, b’sforz kbir u b’toqol fuq is-sitwazzjoni finanzjarja tieghu, hallas il-bilanc ta’ elf euro li kien dovut ghall-perijodu imsemmi fl-imputazzjoni.

**6.** Fis-seduta tallum gie kkonfermat mill-*parte civile* li l-ammont dovut ghall-perijodu msemmi fl-imputazzjoni effettivament thallas.

Barra minn hekk, kif gie ritenut fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Publius Said** deciz fid-9 ta’ Lulju 2003 u f’diversi sentenzi sussegwenti:

**“l-ghan ewlieni tal-legislatur meta ntroduca din il--kontravvenzjoni xi ftit tas-snin ilu kien li jgib pressjoni fuq persuni li jkunu riluttanti li jhallsu manteniment lid-dipendenti taghhom u mhux li jippunixxi biss ghall-ksur tal-ordnijiet tal-Qrati, li kif intqal ghandhom dejjem jigu obduti u osservati skrupolozament”.**

Konsegwentement ghandu jkun hemm temperament fil-piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellant ghal xahar prigunerija, u minflok tikkundannah ghall-hlas ta' *ammenda* ta' tmienja u hamsin euro u tlieta u ghoxrin centezmu (€58.23), liema somma tigi konvertita f'hamest ijiem detenzjoni jekk ma tithallasx minnufih.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------